MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tat-8 ta' April, 2014

Talba Numru. 566/2013

**Raca Ltd (C5339)**

**vs.**

**GMC Transport Co. Ltd**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2013, li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet il-ħlas mingħand is-soċjetà konvenuta ta' tlett elef, tliet mija tmienja u sittin Euro (€3368) rappreżentanti danni sofferti mis-soċjetà attriċi wara li s-soċjetà konvenuta kienet inkarigata sabiex titrasporta ammont ta' merkanzija mid-ditta Fesco GmbH fil-Ġermanja lejn Malta.

> Illi jirriżulta li s-soċjetà konvenuta qabdet lill-"haulter" tagħha sabiex tagħmel id-delivery ta' din il-merkanzija u wara li l-merkanzija ħarġet

mill-bond tas-soċjetà intimata marret fil-proprjetà tal-istess hauler. Illi s-soċjetà attriċi qatt ma tat il-kunsens tagħha għal dan l-aġir.

Illi meta l-merkanzija imbagħad ġiet mogħtija lis-soċjetà attriċi, kien hemm nuqqas ta' 71 arloġġ.

Illi għalhekk, is-soċjetà attriċi sofriet danni fl-ammont ta' Euro 3368 (tlett elef, tliet mija tmienja u sittin Euro).

Għaldaqstant wara li dan it-Tribunal għandu jiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjetà attriċi stante n-negliġenza tagħha u stante li naqset milli tagħmel konsenja tal-merkanzija kollha kif suppost, is-soċjetà attriċi titlob li dan it-Tribunal jikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas euro 3368 rappreżentanti d-danni sofferti kif fuq spjegati kif ukoll l-imgħax u l-ispejjeż legali. Is-soċjeta` konvenuta hija nġunta għas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta tas-soċjetà konvenuta** ippreżentata fit-28 ta' Ottubru 2013 fejn eċċepiet:

1. Preliminarjament, il-kompetenza ta' dan it-Tribunal ai termini tal-Artikolu 741 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 547 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

2. Inkwantu diretta kontra GMC Transport Company Limited, it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż.

3. F'kull każ, l-eċċipjenti GMC Transport Company Limited ma taħti bl-ebda mod għall-allegati nuqqasijiet fil-merkanzija inkwistjoni, u ma għandha ebda responsabbiltà għar-rigward tal-istess.

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra il-kontro-talba mressqa mis-soċjeta konvenuta kif ukoll ir-risposta tas-soċjeta attriċi.

Semgħa lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-ewwel eċċezzjoni rigwardanti il-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Ra l-verbal tal-14 ta' Frar 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza preliminari dwar l-ewwel eċċezzjoni sollevata mis-soċjeta konvenuta.

**Konsiderazzjonijiet**

Ikkunsidra illi in vista tal-fatt mhux kontestat illi ż-żewġ partijiet huma kummerċjanti, fl-idea tas-soċjeta konvenuta din il-kawża għandha tinstema mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

Inoltre is-soċjeta konvenuta hija tal-fehma li t-talba odjerna mressqa mis-soċjeta konvenuta m'hijiex għajr travestiment għal talba ta' likwidazzjoni ta' danni u allura wkoll il-kompetenza hija tal-Prim'Awla.

Min-naħa l-oħra is-soċjeta attriċi tikkontendi li it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ilu żmien twil jikkunsidra kawżi bejn żewġ kummerċjanti u li l-Att Dwar it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ma jżommx żewġ kummerċjanti milli jiġu quddiemu.

Is-soċjeta konvenuti targumenta illi il-fatt li dejjem sar hekk u cioe li żewġ kummerċjanti trattaw il-każ tagħhom quddiem dan it-Tribunal, ma jfissirx li dan huwa skont il-liġi.

Ra l-Artikolu 547 tal-Kodiċi tal-Kummerċ illi jistipula:

> ***547.*** *Il-ġurisdizzjoni kummerċjali hija eżerċitata mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*
>
> ***548.*** *Huma ta' natura kummerċjali -*
> *(a) il-kwistjonijiet kollha dwar obbligazzjonijiet u kuntratti bejn kummerċjanti, jekk ma jidhirx mill-att innifsu li l-affari hija purament ċivili;*
> *(b) il-kwistjonijiet kollha dwar atti ta' kummerċ bejn kull xorta ta' persuni.*

Ra wkoll l-Artikolu 741 tal-Kodiċi ta' Organizzjoni u Proċedura Ċivili.

Ra wkoll l-artikoli l-oħra kollha relevanti illi ġew iċċitati mid-difensuri tal-partijiet fit-trattazzjoni tagħhom.

Ikkunsidra illi wara snin twal ta' diskussjoni fil-Qrati tagħna dwar id-distinzjoni bejn kawża ta' natura kummerċjali u kawża ta' natura ċivili, il-ħela ta' ħin li dan kien iġib miegħu u l-opinjonijiet diverġenti fis-suġġett, il-leġislatur għoġbu li jtemm dawn il-kwistjonijiet billi abolixxa l-Qorti tal-Kummerċ u emenda l-liġijiet sabiex il-kawżi kollha jmorru fil-Qorti Ċivili.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, meta fl-Artikolu ċċitat, il-leġislatur juża l-kliem "Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" dana ma jeskludix illi talbiet iżgħar immorru quddiem Qorti jew Tribunal Ċivili skont il-valur tagħhom, kemm il-darba il-valur tat-talba jkun determinat.

Illi l-Qorti tal-Maġistrati u Tribunali oħra inferjuri iservu sewwa sew biex jisimgħu talbiet ta' valur inqas, biex mhux il-kawżi kollha jmorru quddiem l-Onorabbli Prim'Awla.

Illi meta t-talba hija għall-ħlas ta' somma determinata, allura ai termini tal-Artikolu 748 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-valur tal-oġġett fil-kawża hu **determinat** mill-istess talba. Ladarba l-valur huwa determinat ma jistax jitqiex li jaqbeż il-kompetenza tal-qorti ta' ġurisdizzjoni limitata.

Illi fil-każ odjern, is-soċjeta attriċi qed titlob, il-ħlas tas-somma speċifika ta' €3368, u għalkemm huwa minnu li t-talba hija waħda għad-danni, kif jirriżulta mill-istess diċitura tal-Avviż tat-Talba, l-ammont mitlub m'huwiex *da liquidarsi* u allura peress li huwa ammont determinat, ma jeċċedix il-ġurisdizzjoni limitata ta' dan it-Tribunal u lanqas ma jeċċedi il-kompetenza tiegħu *rationae valoris*.

It-Tribunal ra l-Kapitlu 380 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe l-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar, u fil-fehma tat-Tribunal kif presjedut, m'hemm l-ebda artikolu fl-istess Kapitolu li jżomm żewġ kummerċjanti milli jressqu u jitrattaw il-każ tagħhom quddiem dan it-Tribunal kemm-il darba it-talba tkun ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn tlett'elef u erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (3,494.06)

Illi għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma li t-talba odjerna tista' tinstema minn dan it-Tribunal.

**Deċide**

Għar-raġunijiet suesposti, it-Tribunal qiegħed jiċħad l-eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjeta konvenuta illi dan it-Tribunal m'għandux il-kompetenza *rationae materiae* sabiex jisma dan il-każ u fil-waqt li jiddikjara ruħu kompetenti, jordna l-prosegwiment tal-kawża, sabiex jiġi trattat il-mertu.

Bl-ispejjeż ta' dan l-istadju riżervati għall-ġudizzju finali.

## < Sentenza In Parte >

---------------------------------TMIEM---------------------------------